**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 521/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**-Vs-**

**PAUL AZZOPARDI**

**Illum, 4 ta’ Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **PAUL AZZOPARDI** ta’ 66 sena bin Anthony u Antonia xebba Said, imwieled Rabat nhar it-12/02/1954, residenti St. Paul, tas-Salib L/O Rabat Malta, ID: 137854M, akkuzat talli nhar l-10 ta’ Marzu 2020 għall-ħabta ta’ 10:55 a.m. ġewwa l-Fiddien l/o Rabat Malta:-

1. Kiser il-paċi u l-bon ordni b’għajjat, storbju jew ġlied.
2. U aktar talli ħebb għal Giovanni Spiteri u kkaġunalu ġrieħi ta’ natura ħafifa skond kif iċċertifikat Dr. Odette Pace MD mill-poliklinika tar-Rabat liema offiża saret b’wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 217 u dan skond l-Artikolu 221(2) tal-Kap 9.

3. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġuna ħsara fħal ammont ta' 289.35 euro fuq il-vettura numru tar-reġistrazzjoni GBP991 ta' l-għamla Toyota għad-dannu ta' Simone Spiteri.
4. U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummisarju tal-Pulizija.

Rat illi fl-14 ta' Jannar 2020, ġiet awtorizzata korrezzjoni fiċ-Ċitazzjoni sabiex fit-tieni imputazzjoni jizdiedu s-segwenti kliem fl-aħħar tas-sentenza: "*liema offiża saret b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-Artikolu 217 u dan skont l-Artikolu 221(2) tal-Kap. 9*";

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 jaqra u jikkonferma l-akkuzi kif korretti u jikkonfermahom bil-gurament;

Semghet lill-imputat jiddikjara li mhux ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Gunju 2021 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215, 217, 221(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 6 u 51 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet kollha waqt l-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Giovanni Spiteri** xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta fl-14 ta' Jannar 2021. Huwa xehed illi f'Marzu 2020 huwa kien mar biex jittawwal in-naħal li għandu l-Baħrija u kif kien ħiereġ 'il barra bil-karozza u kien wasal il-Fiddien, daqqlu l-mobile, kien ċertu wieħed Għawdxi, u huwa tefa' mal-ħajt fejn kien hemm ftit wisa' biex iwieġeb it-telefonata. Huwa qal li tefa l-magna u waqt li kien qiegħed jitkellem u kien aljenat bil-ħġieġa mniżżla, feġġ l-imputat, rah ġej bil-mixi lejn il-karozza tiegħu u f'daqqa u l-ħin ra par idejn b'mus ġo wiċċu u l-imputat beda jxejjer il-mus ġo wiċċu għal xejn b'xejn. Dak il-ħin huwa beda jsaqsi lill-imputat għalfejn kien qed jagħmillu hekk għax kien ħa jweġġgħu u staqsih ukoll jekk hux f'sensih. Ix-xhud kompla jgħid illi huwa beda jipprova jilqa' għall-mus u qabad idejn l-imputat biex ma jħallihx jolqtu f'wiċċu bil-mus iżda meta għamel hekk, qatagħlu subgħajh bil-mus u b'idu l-oħra tah daqqa ta' ponn mal-ġenb ta' ħalqu fuq in-naħa tax-xellug. Għalkemm ma kienetx daqqa ta' ponn fenomenali, ix-xhud qal li bid-daqqa il-parti ta' wiċċu li ntlaqtet, intefħitlu. Ix-xhud qal ukoll illi huwa ma setax itella' l-ħġieġa tal-karozza tiegħu biex iwaqqaf lill-imputat milli jkompli jħebb għalih peress li l-karozza kienet mitfija. Bil-mus l-imputat laqat ukoll il-lasktua tal-ħġieġa, baraxlu l-bieba tal-karozza kif ukoll għamillu daqqa fil-bieba b'irkopptejh. Hekk kif l-imputat telaq, huwa saq lejn il-Polyclinic għaliex id-demm beda nieżel ġol-vettura u sussegwentement, mar jirrapporta l-każ fl-Għassa tal-Pulizija fejn tkellem ma' PS 163.

Giovanni Spiteri spjega illi huwa jaf lill-imputat Paul Azzopardi għaliex l-imgħallem li kellu kien ħadimlu xi għamara. Qal li huwa rah darba diversi snin qabel, meta l-Pulizija kienu ċemplulu mill-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat u qalulu li kien hemm ċertu

wieħed Pawlu li kien qed jirrapporta li huwa kien bexxixlu s-siġar, ħaġa li huwa ċaħad li kien għamel. Qal illi l-Pulizija dak iż-żmien kienu bagħtu lill-imputat mill-Għassa biex ikellmu dwar din l-allegazzjoni u l-imputat kien reġa' ċaħad li huwa kien daħallu fir-raba'. Qal li rah ukoll f'okkażjoni oħra iktar reċenti meta kien għand it-tellar u l-imputat qallu li kien neħħa r-raba' li kellu.

**L-Ispettur Robert Azzopardi** xehed[1] illi fiż-żmien meta seħħ dan il-każ, huwa kien Surġent bin-numru PS163. Kien irċeiva rapport mingħand Giovanni Spiteri, karta tal-identita' bin-numru 85864M, fl-10 ta' Marzu 2020 għall-ħabta tal-11.30 a.m. fejn huwa rrapporta illi xi ħin qabel huwa kien bil-vettura fi triqtu lejn il-Fiddien, ir-Rabat u kien daqqlu l-mobile u kien tefa' mal-ġenb tat-triq biex iwieġbu u filwaqt li kien fil-karozza qed jirrispondi t-telefonata, kien mar fuqu persuna li identifika bħala Pawlu Azzopardi u qal li dan kien mar fuqu u aggredih minn ġot-tieqa tal-vettura tiegħu. Giovanni Spiteri irrapportalu wkoll li għalkemm beda jgħidlu biex iħalluh bi kwietu, Azzopardi kien aggredih b'mus żgħir bil-manku tal-injam. Ix-xhud qal li l-kwerelant kien mar il-Polyclinic qabel mar l-Għassa u ppreżentalu ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Odette Pace li jikkonferma li huwa kien ġarrab ġrieħi ta' natura ħafifa. Ix-xhud żied jgħid li huwa ra li Spiteri kellu xi demm ġo wiċċu u ma' subgħajh u dak il-ħin irrapportalu wkoll li Azzopardi, waqt li kien qed jaggredih, għamillu għafsa żgħira mal-bieba tal-vann tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni GBP-991 Toyota. Giovanni Spiteri kien spjegalu illi l-imputat kien jafu għaliex kien ħadimlu xi għamara numru ta' snin qabel u xi snin qabel ukoll, kienu kellmuh il-Pulizija fuq rapport li kien għamillu l-istess Paul Azzopardi dwar xi ħsara fl-għelieqi tiegħu.

Ix-xhud qal ukoll li fuq dan ir-rapport huwa kien bagħat għal Paul Azzopardi fejn wara li tah id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, iżda huwa rrifjuta dan id-dritt, l-istess Paul Azzopardi stqarr li huwa kien għaddej mit-triq tad-dar tiegħu u kumbinazzjoni ra lil Giovanni, kien ilu ħafna biex ikellmu minħabba l-kwistjoni tal-ħsara li kien jissuspetta li għamillu fl-għelieqi tiegħu, u hekk kif rah mar għal fuqu u imbottah fuq wiċċu u qallu biex iħallih bi kwietu. Ix-xhud qal li Azzopardi ċaħad li

[1] Xhieda tas-7 ta' April 2021.

kellu xi mus f'idu jew li għamillu xi ħsara fil-vettura u għalkemm saret tfittxija fil-vettura ta' Paul Azzopardi, Toyota Starlet, ma nstab l-ebda mus.

L-imputat għażel li jixhed quddiem il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021. Filwaqt li kkonferma li huwa kellem lil Giovanni Spiteri meta kien fil-vettura, l-imputat ċaħad kategorikament illi huwa daħħal idejh fil-vettura ta' Spiteri u li aggredih jew laqtu jew messu b'xi mod. Ċaħad ukoll speċifikatament illi huwa kellu mus f'idejh u li kkaġuna xi ħsara fil-vettura ta' Spiteri.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Il-Qorti sejra tibda biex tittratta t-tieni imputazzjoni għaliex bla dubju jikkonċerna l-iktar reat gravi fost ir-reati kollha li jinsab mixli bihom.

Tibda biex tosserva wkoll illi l-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-gudikant, iċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex huwa rari li jigi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux gew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali.

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk,*

*applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[2]

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li huma manifestament kunfliġġenti kwantu għal dak li effettivament seħħ bejn l-imputat u Giovanni Spiteri. Filwaqt li in sostanza, il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni hi li l-imputat ħebb għal Spiteri meta daħħal idejh ġol-vettura tiegħu u beda jxejjer mus lejn wiċċu, ikkaġunalu ġrieħi f'subgħajh, tah daqqa ta' ponn f'wiċċu u għamel ħsara fil-vettura, il-verżjoni tal-imputat hi li filwaqt li huwa minnu li huwa mar ikellem lil Spiteri meta rah fil-vettura tiegħu, fl-ebda waqt ma daħħal idejh ġol-vettura u jiċħad li laqtu f'xi ħin.

Għandu jingħad li m'humiex infrekwenti dawk il-każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li addirittura jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bhal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

---

[2] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[3], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha car li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Ikkunsidrat;

Fil-każ in diżamina, m'hemmx il-konfort ta' xi prova oġġettiva bħal filmat tal-incident, li kien ikun ferm utili biex jirriżolvi l-ekwivoċi u jelimina d-dubji dwar dak li effettivament seħħ u biex jafferma jew inaqqas mill-kredibbilita` ta' wahda jew l-oħra mill-verzjonijiet kuntrastanti tax-xhieda u l-partijiet. Madanakollu, minn eżami tat-testimonjanza tal-kwerelant u tal-imputat, imqiegħda fl-isfond tal-provi miġjuba u x-xhieda l-oħra li ddeponew f'din il-kawża, inkluż tal-verżjonijiet rilaxxati mill-persuni involuti ftit wara li seħħ l-inċident, il-Qorti tqis illi m'huwiex daqstant diffiċli tirriżolvi l-kunflitt riskontrat fil-provi. Il-Qorti semgħet ix-xhieda u rat il-komportament tax-xiehda fuq il-pedana u ma tistax ma tirrimarkax illi hija osservat differenza sostanzjali bejn il-konsistenza assoluta tal-verżjoni ta' Giovanni Spiteri fuq in-naħa l-waħda, u l-inkonsistenzi fil-verżjoni tal-imputat meta x-xhieda tiegħu tiġi mqabbla ma' dak li stqarr huwa stess lill-Pulizija dakinhar stess tal-inċidenti fl-10 ta' Marzu 2020.

[3] Deciza 9.7.2003.

Effettivament, jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Robert Azzopardi - li dak iż-żmien kien is-Surġent li rċieva r-rapport ta' Giovanni Spiteri fl-10 ta' Marzu 2020 fil-11.30 a.m. - illi meta Spiteri rrapporta fl-Għassa tal-Pulizija, huwa kellu xi demm ġo wiċċu u ma' subgħajh. Dawn il-ġrieħi ġew kostatati wkoll minn Dr. Odette Pace li xehdet illi meta eżaminat lil Giovanni Spiteri ftit minuti qabel, hija rriskontrat żewġ feriti żgħar ta' xi zewġ ċentimetri fuq is-suba' ż-żgħir tal-lemin u girfa żgħira ta' xi millimetru u nefħa fuq ix-xoffa ta' fuq naħa tax-xellug. Dawn il-feriti, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss jirriżulta li kienu friski iżda jikkombaċċjaw perfettament mal-mossi tal-imputat kif deskritti mill-istess Giovanni Spiteri fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti. Feriti li l-kwerelant kien diġa' fisser *a tempor vergine* lit-tabiba li eżaminatu, li ġew ikkaġunati b'konsegwenza ta' daqqiet ta' mus u daqqa ta' ponn[4], liema feriti jirriżultaw ukoll mir-ritratti esebiti in atti. Kwantu għall-mus li skont il-kwerelant l-imputat kellu f'idejh u beda jxejru ma' wiċċu waqt li kien fil-vettura tiegħu, jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Robert Azzopardi li dan il-mus kien wieħed żgħir b'manku tal-injam u fil-fehma tal-Qorti, il-feriti ta' xi żewġ ċentimetri twal fuq is-suba' ż-żgħir[5], m'humiex inkompatibbli ma' feriti magħmula waqt kollutazzjoni fejn il-kwerelant kien qed jipprova jilqa' b'idejh għal strument li jaqta' biex, kif fisser fid-depożizzjoni tiegħu, ma jintlaqatx bih f'wiċċu.

Dan kollu jikkonvinċi lill-Qorti li Giovanni Spiteri mhux biss effettivament ġarrab il-ġrieħi li huwa ddeskriva fix-xhieda tiegħu u ġarrabhom b'riżultat ta' daqqa ta' ponn u daqqiet ta' strument li jaqta', iżda wkoll illi dawn il-feriti kienu għadhom friski. Kemm hu hekk, l-imputat fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Ispettur Robert Azzopardi, ġia' PS 163, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, jammetti li effettivament huwa ltaqa' ma' Giovanni Spiteri fit-triq in kwistjoni u li huwa mar ikellmu. L-imputat stqarr ulterjorment illi huwa mar ikellmu proprju fuq il-kwistjoni tal-ħsara li huwa kien qed jissusspetta li kien għamillu fl-għelieqi tiegħu u li qallu biex iħallih bi kwietu. L-istess kwistjoni li Giovanni Spiteri ukoll semma fix-xhieda tiegħu. **Iżda iktar**

[4] Ara xhieda ta' Dr. Odette Pace tal-14 ta' Jannar 2021.
[5] Dawn il-feriti jidhru fir-ritratt a fol. 17 tal-atti.

**sinjifkanti minn hekk hu l-fatt illi l-imputat kien stqarr ukoll ma' PS 163 illi meta mar ikellem lill-kwerelant huwa kien ukoll imbottah fuq wiċċu**. Din l-istqarrija l-imputat ma affermahiex meta xehed quddiem il-Qorti: għall-kuntrarju, l-imputat jiċħad li huwa daħħal idejh fil-vettura ta' Spiteri jew li laqtu b'xi mod. Għall-Qorti, din il-kontradizzjoni radikali fiż-żewġ verżjonijiet tal-imputat ma tistax ħlief titfa' dell fuq il-kredibbilita' tal-verżjoni li ta l-imputat waqt id-depożizzjoni tiegħu f'din il-kawża.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti mhux talli tqis illi l-verżjoni ta' Giovanni Spiteri hija pjenament kredibbli f'kull aspett tagħha u hija konvinta illi l-fatti sostantivi tal-każ ġraw kif ġie deskritt fix-xhieda tiegħu, talli hija tal-fehma li ma tistax tagħti affidabbilita' lix-xhieda tal-imputat, lanqas fil-parti fejn huwa jiċħad illi kellu mus f'idejh dak il-ħin. Huwa minnu li dan il-mus baqa' ma nstabx iżda l-Qorti kif diġa' stabbiliet, hija konvinta illi l-imputat waqt il-kollutazzjoni li seħħet ma' Giovanni Spiteri waqt li kien maqful fil-vettura tiegħu, aggredih bi strument li jaqta' u kkaġunalu l-feriti f'subgħajh li ġew riskontrati mit-tabiba li eżaminat lill-kwerelanti ftit tal-ħin wara, b'żieda mad-daqqa ta' ponn li tah f'wiċċu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[6], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, kif ghamlet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena msemmija, qieghda ticcita dak li qal Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[7] tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

---

[6] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.
[7] 1974 - 2 ALL ER 372.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi kien effettivament l-imputat li kkaġuna l-offiżi riskontrati fuq wiċċ u id Giovanni Spiteri, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixi n-natura tal-offiżi li ġew inflitti. Mill-kumpless tal-provi hija tal-fehma illi l-feriti li ġarrab Giovanni Spiteri jinkwadraw fil-parametri tas-subartikolu (3)(a) tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9 u dan għaliex anke mir-ritratti li ġew esebiti fl-atti, jirriżulta li dawn il-feriti ma setgħux ħallew effett ta' importanza kbira fuq ġismu u lanqas moralment. Kemm hu hekk, ma nġiebet l-ebda prova dwar xi kumplikazzjonijiet mediċi jew effetti fiżiċi li seta' kellhom il-feriti inflitti u ċertament, ma hemmx prova li dawn l-feriti li subixxa Giovanni Spiteri ħallew xi effett morali fuqu. Huwa minnu li huwa xehed li l-imputat "*daħħlu fi trawma*", iżda m'huwiex ippruvat li din it-trawma hija dovuta jew għandha x'taqsam mal-ferita fuq subgħajh jew mal-girfa żgħira ta' millimetru u nefħa f'xofftu.

Għaldaqstant, m'hemm xejn iżżomm lill-Qorti biex f'dan il-każ tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 221(3)(a) tal-Kap. 9, lanqas il-fatt li dan ma ġiex indikat fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali stante illi huwa evidenti li r-reat taħt l-Artikolu 221(3) huwa reat minuri u kompriż fir-reat taħt l-Artikolu 217 kif ukoll ir-reat taħt l-Artikolu 221(2) tal-Kap. 9[8].

[8] Ara fost oħrajn, **Il-Pulizija v Roxanna Callus** Qorti tal-Appell Kriminali deciza 20.9.2013.

Għalhekk sejra ssib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 221(3)(a) tal-Kap. 9

**It-Tielet Imputazzjoni**

Illi kwantu għat-tielet imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika illi tista' tinstab ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 328(d) tal-Kap. 9. Dan jipprovdi illi jkun ħati tar-reat ta' ħsara involontarja kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqasta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq ħwejjeġ ħaddieħor.

Issa mix-xhieda mismugħa mill-Qorti, hija konvinta li l-ħsara li Giovanni Spiteri iddeskriva li ġiet ikkaġunata fil-vettura li kien qed isuq meta ġara l-każ, ma hijiex ħsara li ġiet ikkaġunata involontarjament għaliex l-imputat ikun mexa b'negligenza, jew b'nuqqas ta' ħsieb, imprudenza jew traskuraġni, jew b'kondotta kolpuża li hi dovuta għal non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti li huma maħsuba biex tigi evitata l-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi. Għall-kuntrarju, il-Qorti fehmet mix-xhieda illi din il-ħsara ġiet ikkaġunata volontarjament u bil-*mens rea* meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali. Dan qed jingħad għaliex skont Giovanni Spiteri, l-imputat qata' l-lasktuwa tal-ħġieġa tal-vettura wara li kien daħħal idejh fil-vettura biex qed ixejjer il-mus f'wiċċu, u għamel għafsa fil-bieba meta taha daqqa ta' irkobba.

Il-Qorti tqis illi fi ħsara bħal din, bl-ebda qies tal-immaġinazzjoni ma tirraffigura l-kondotta kolpuża ravviżata fl-Artikolu 328 tal-Kap. 9 għaliex min idaħħal idu ġewwa vettura bil-ħsieb li jħebb għal persuna u jaggrediha, *multo magis* jikkaġuna offiża fuq il-persuna li tinsab ġewwa l-istess vettura, ma jista' qatt jitqies li qed jaġixxi fi kwalsiasi aspett tal-manuvri tiegħu, involontarjament. Għall-kuntrarju, f'aġir bħal dan, il-ħsara kkaġunata kienet fl-aħjar ipotesi għall-imputat, mhux biss prevedibbli

iżda prevista u bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9.

Hija l-fehma tal-Qorti li l-provi juru inkonfutabbilment li l-ħsieb manifestat mill-imputat waqt l-inċident in diżamina, kien wieħed doluż ċioe' li jagħmel ħsara lil Giovanni Spiteri u lil ħwejġu. L-istess jgħodd anke fl-ipotesi li kellu jirriżulta li l-ħsara li saret fil-vettura saret bħala mezz għall-fini li jħebb għal Giovanni Spiteri u jiġu kkaġunati offiżi fuq il-persuna tiegħu, f'liema ħsara xorta waħda ma jistax jiġi ravviżat l-akkadut dannuż involontarju li huwa meħtieġ għar-reat taħt l-Artikolu 328 tal-Kap. 9.

Madanakollu, filwaqt li huwa minnu illi r-reat ta' ħsara involontarja huwa kompriż u involut fir-reat ta' ħsara volontarja, għaliex huwa reat minuri[9], f'dan il-każ l-imputat ma ġiex mixli bir-reat iktar gravi ċioe' dak taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 iżda biss bir-reat involontarju u għalhekk il-Qorti ma tistax issibu ħati tar-reat iktar gravi. Anke kieku stess dan ir-reat ġie effettivament indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, il-Qorti xorta waħda tkun prekluża milli ssib ħtija għar-reat volontarju taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9, għaliex dan ir-reat ma jikkonfigurax fost l-akkużi miġjuba fiċ-Ċitazzjoni u l-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbet l-ebda korrezzjoni fl-istess Ċitazzjoni biex tiżdied imputazzjoni dwar ir-reat volontarju. Kif inhuwa paċifikatament ritenut fil-ġurisprudenza in materja:-

"*Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri, l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet originali. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz. F' dan il-kaz fl-akkuzi originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva – l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju li hija riflessjoni ta' l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva – imkien ma*

[9] Ara **Il-Pulizija v. Mario Formosa** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali 14.10.2016.

*kien hemm referenza ghal xi cirkostanza aggravanti kif kontemplata fl-imsemmi l-Artikolu 33A li kienet qed tigi addebitata lill-esponenti. U ghalhekk ma setghetx il-Qorti tal-Magistrati tmur oltre "l-fattispecji partikolari tal-kaz" kif prospettati fic-Citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud, fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax* (*recte.* ma tistax) *issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess ..."*[10]

Għaldaqstant il-Qorti ma tistax ħlief issib ħtija fl-imputat għar-reat ta' ħsara involontarja taħt l-Artikolu 328 tal-Kap. 9. Effettivament, mix-xhieda ta' Giovanni Spiteri u mir-ritratti li huwa pproduċa fl-atti, il-Qorti hija konvinta illi l-imputat ikkaġuna ħsara fil-bieba u fil-lakstuwa tal-ħġieġa tal-vettura li kien qed isuq fil-ħin tal-inċident. Il-Qorti tosserva illi Giovanni Spiteri kkonferma fix-xhieda tiegħu illi huwa kiseb żewġ stimi għat-tiswija tal-ħsarat ikkaġonati fil-vettura GBP-991, liema stimi huwa kkonferma li jinsabu a fol. 20 u 21 tal-atti proċesswali.

Kwantu għall-valur tal-ħsarat fil-vettura, il-Qorti tosserva illi fuq talba tal-Avukat Ġenerali il-Qorti kienet ħatret lill-P.L. Quentin Tanti b'digriet mogħti fis-7 ta' April 2021 bħala espert biex jeżamina l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBP-991 u jikkostata l-valur tal-ħsarat li l-imputat allegatament wettaq fuqha fl-inċident in diżamina iżda għal xi raġuni, l-istess Avukat Ġenerali ma baqax jinsisti fuq din il-prova tant illi n-noti tar-rinviju sussegwenti ma kien fihom l-ebda talba għas-smigħ ta' dan ix-xhud, filwaqt illi n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ma kien fiha l-ebda riżerva speċifika dwar il-provi li kellhom jinstemgħu mill-Qorti qabel tipproċedi skont l-Artikolu 370(3)(d) tal-Kap. 9. Apparti minn hekk, fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021 il-

[10] **Il-Pulizija vs David Norbert Schembri** – deciza mill-Qorti tal-Appell 18.2.2020.

Pulizija iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi xi jressqu. Madanakollu, fl-istess waqt għandu jingħad illi għall-fini tar-reat involontarju taħt l-Artikolu 328 tal-Kap. 9 m'hijiex meħtieġa prova tal-valur tal-ħsarat u dan diversament mir-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9.

Il-valur tal-ħsarat hija relevanti iżda, għall-finijiet tal-Artiklu 532A tal-Kap. 9 dwar is-setgħa tal-Qorti li tordna lill-persuna li tinstab ħatja ta' delitt, li jħallas id-danni b'kumpens *inter alia* għal xi telfien ikkaġunat b'riżultat tad-delitt. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti ma hijiex tal-fehma illi għandha tordna l-ħlas tad-danni għaliex m'hijiex sodisfatta bil-grad ta' prova li nġiebet fir-rigward mill-Prosekuzzjoni. Għalkemm kif stabbilit, il-Qorti hi moralment konvinta li l-imputat għamel ħsara fil-vettura misjuqa minn Giovanni Spiteri, mill-provi jirriżulta li s-sid liċenzjat tal-vettura in kwistjoni hija ċertu Simone Spiteri: persuna li ma xehditx quddiem il-Qorti biex tafferma li l-vettura tagħha fil-ħin tal-inċident kienet qiegħda tiġi misjuqa minn Giovanni Spiteri u li din ġarrbet ħsarat, iżda mill-atti l-Qorti fehmet illi hija mart l-istess Giovanni Spiteri[11]. Qieset ukoll illi lanqas ġew ikkonfermati bix-xhieda tal-persuni li ħarġuhom, l-istimi tal-ħsara li effettivament ġiet ikkaġunata mill-imputat[12].

Għaldaqstant, l-imputat ser jinstab ħati għat-tielet imputazzjoni.

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

Kwantu għar-raba' akkuża li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu waqt l-inċident, strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr ma kellu liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija, il-Qorti m'hijiex konvinta li tressqu provi suffiċjenti fil-grad li trid il-liġi għas-sejbien ta' ħtija kriminali. Hu ovvju li hawnhekk l-imputat qed jiġi mixli bir-reat taht l-Artikolu 6 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 480). Dan jipprovdi li ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess

[11] Ara rapport Dok. RA1 li xehed dwaru l-Ispettur gia' PS 163 Robert Azzopardi, fol. 66.
[12] Inoltre, l-Avukat Ġenerali ma indikax l-Artikolu 532A tal-Kap. 9 fin-nota tiegħu tar-rinviju għall-ġudizzju.

mingħand il-Kummissarju. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ressqu l-prova li l-imputat ma għandu l-ebda liċenza biex iġorr barra minn xi fond sikkina jew strument ieħor[13] kif deskritt fid-dispozizzjoni legali fuq imsemmija u huwa minnu wkoll li l-Qorti hija konvinta bil-veraċita' tal-verżjoni ta' Giovanni Spiteri li l-imputat laqtu u weġġgħu b'mus. Madanakollu, fl-istess waqt, jirriżulta li dan il-mus baqa' ma nstabx fil-pussess tal-imputat u għalhekk il-Qorti hija sprovvista mill-aħjar prova tal-ħtija.

F'kull każ, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi jew xort'ohra tikkonvinċi lil-Qorti illi din is-sikkina żgħira kienet tax-xorta li jgħoddu għaliha d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Kap. 480 u mhux dawk tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-istess Kap. 480. Dan ghaliex l-Artikolu 7 tal-Kap. 480 jeskludi mill-applikazzjoni tal-Artikolu preċedenti, *inter alia*, mus li jkollu xafra li toħroġ mhux iktar minn tmien centimentri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus. Iżda ma nġiebu l-ebda provi dwar il-daqs tal-mus jew ix-xafra tieghu. Għaldaqstant, rinfaccjata bix-xhieda tal-Ispettur Robert Azzopardi, li xehed li l-kwerelant iddeskriva dan il-mus bhala "*mus zghir*", il-Qorti ma tistax serenament tasal għall-konkluzjoni li l-mus li l-imputat kellu f'idu waqt l-inċident fejn aggredixxa u weġġa' lil Giovanni Spiteri fit-triq, jissodisfax l-element materjali kostittutiv tar-reat taħt l-Artikolu 6 tal-Kap. 480. Għaldaqstant, l-imputat mhux sejjer jinstab hati tar-raba' imputazzjoni.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

L-imputat gie mixli fl-ewwel imputazzjoni bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, cioe` li kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku fl-10 ta' Marzu 2020 fil-10:55 a.m.

In tema tal-kontravvenzjoni prospettata mill-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-

[13] Ara xhieda ta' WPS 2254 Janice Giordmaina, 7 ta' April 2021.

sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[14] fejn trattat b'mod eżawrjenti l-elementi li jeħtieġu li jigu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil**.*

…

*U dik il-Qorti ziedet tghid li:- "Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid:- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)* [emfasi tal-Qorti]

Imbaghad, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deciza fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

---

[14] **Il-Pulizija v. Noel Tanti.**

"*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill*-Professur *A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: 'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. ... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).*"

Il-Qorti sejra tapplika dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ biex tistħarreġ jekk l-imputat għandux jinstab ħati ghal dan ir-reat kontravvenzjonali.

Mix-xhieda jirriżulta illi fl-episodju li sehh fl-10 ta' Marzu 2020 meta l-imputat ħebb ghal Giovanni Spiteri, hu kellu f'idu mus, daħħal idejh fil-vettura u beda jxejjer il-mus ġo wiċċu. Mill-provi jirriżulta wkoll li dan l-aġir aggressiv nissel f'Giovanni Spiteri biża' għall-inkolumita' tiegħu: huwa xehed "*Dak il-ħin qisni bħal qisni twerwirt u jien, daħħalni fi trawma dak*"; "*U għidtlu għidtlu għalfejn qed tagħmilli hekk? Għidtlu ħa tweġġgħani. Għidtlu int jaqaw mhux f'sensik? Għalfejn qed tagħmel hekk?*"

Kif rajna mill-ġurisprudenza fuq ċitata, m'huwiex rikjest sabiex tigi ravviżata ħtija għar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, illi tinġieb prova illi l-aġir tal-imputat ikun **attwalment** nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħha: il-fatt illi dak l-aġir huwa fih innifsu kapaci inissel dan it-tħassib, jew x'aktarx li jnissel dak it-tħassib, huwa sufficjenti sabiex tigi stabbilita r-reita`. U fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda ta' Giovsnni Spiteri hija biżżejjed

għall-prova li l-aġir tal-imputat waqt dan l-episodju kien mhux biss kapaċi jnissel, iżda effettivament nissel, l-allarm fil-persuna tal-vittma dwar l-inkolumita` tiegħu.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi r-reat addebitat lill-imputat fl-ewwel imputazzjoni gie ppruvat sodisfacjentement u illi konsegwentement, l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qieset l-imġieba aggressiva tal-imputat: mhux biss ma jirriżultax li l-imputat ġie pprovokat b'xi mod mill-vittma, iżda l-provi juru li huwa ħebb għal Giovanni Spiteri għall-għarrieda u permezz tal-użu ta' strument li jaqta'. Ħadet qies ukoll tal-allarm li dan l-episodju nissel fil-vittma u tal-fatt illi l-imputat m'huwiex novizz fid-delitti ta' offiżi ta' natura volontarja, skont kif inhuwa evidenti minn ħarsa ħafifa lejn il-fedina penali tiegħu.  Madanakollu fl-istess waqt, għandu jiġi mfakkar li kwantu għar-reat volontarju l-iktar gravi, l-imputat qed jinstab ħati biss taħt l-Artikolu 221(3)(a) tal-Kap. 9 u fiċ-ċirkostanżi tal-każ, fosthom il-fatt li l-offiżi li m'humiex ta' importanza kbira, il-Qorti ma tqisx li l-impożizzjoni ta' piena karċerarja tkun xierqa.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibux ħati tar-raba' imputazzjoni u tilliberah minnu, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 217, 221(2), 221(3)(a), 328(d) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil PAUL AZZOPARDI ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000).**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Giovanni Spiteri u sabiex jinżamm il-buon ordni pubbliku, il-Qorti qieghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jiksirx il-paċi u l-buon ordni pubbliku kif**

**ukoll li ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-istess Giovanni Spiteri u dan taht penali ta' elf Euro (€1,000), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**